**L-indiema**

Ħarġet il-bikja
u niżel id-dmugħ,
dehret il-ġerħa
tal-miġrugħa ruħ.

Lemħet quddiemha
ħżunietha fiergħa,
ħassitha vojta
mhux aktar sħiħa.

F'dik l-għaxja siekta
ta' toqol daqshiex,
mażret il-ħtija
hena ma fihiex.

Daret il-ħarsa
Lejn Kristu Mislub,
li jaħfer baqa'
Avolja minfud.

U bkiet l-imsejkna
ruħ tant imtaqqla',
bit-tama li Hu
b'ħarstu jaqalgħha.

U hekk kif ħarstu
iltaqgħet mar-ruħ,
it-tnejn ingħaqdu
u r-ruħ bdiet issa tfuħ!

U minn għajnejha
ħarġu d-demgħat,
għax min se jifhem
ta' Alla t-triqat?

U r-ruħ fis-sliem tgħix
għax mimlija biH,
u tgħanni l-għanja
hekk kif taħseb fiH.

*Ġesù nafda fik*
*Henet qalbi bik!*

Patri Mario Attard OFM Cap
28 ta' Novembru 2020